

Brussell, 17 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2015/0289 (COD)

11382/2/17
REV 2 ADD 1

PECHE 298
CODEC 1267
PARLNAT 250

DIKJARAZZJONI TAR-RAĠUNIJET TAL-KUNSILL

Suġġett: Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta'
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-
ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-
Kunsill (KE) Nru 1006/2008

- Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill
- Adottata mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2017

I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni¹, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008². Il-proposta tipprevedi bidla radikali fir-reġim tal-awtorizzazzjoni biex bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistadu barra mill-ilmijiet tal-Unjoni, u biex bastimenti ta' pajjiżi terzi jistadu ġewwa l-ilmijiet tal-Unjoni.
2. Wara eżami approfondit tal-proposta mill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd, il-Kunsill qabel dwar approċċ³ ġenerali fit-28 ta' Ġunju 2016.
3. Fl-1 ta' Marzu 2016, il-Kumitat tar-Regġuni ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fil-25 ta' Mejju 2016, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu⁴.
5. Fit-2 ta' Frar 2017, il-Parlament Ewropew adotta r-rapport leġislattiv tiegħu li fih il-pożizzjoni fl-ewwel qari⁵.
6. Bejn Frar u l-bidu ta' Marzu 2017, il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika Interna u Esterna tas-Sajd eżamina s-sett tal-emendi li hemm fir-rapport leġislattiv tal-Parlament Ewropew, u fit-8 ta' Marzu 2017 il-COREPER stabbilixxa mandat⁶ għal negozjati mal-PE.

¹ Ara d-dok. 15262/1/15 REV 1 PECHE 481 ENV 1773.

² Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 dwar l-awtorizzazzjonijiet għall-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità barra mill-ilmijiet tal-Komunità u l-aċċess ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi għall-ilmijiet tal-Komunità, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93 u (KE) Nru 1627/94 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 3317/94 ĠU L 286, 29.10.2008, p. 33.

³ Ara d-dokument 10143/16 PECHE 217 CODEC 868.

⁴ ĠU C 303, 19.08.2016, p.116

⁵ Ara d-dokument 5866/17 PECHE 44 CODEC 141 PE 4.

⁶ Ara d-dok. 6304/2/17 REV 2 PECHE 58 ENV 211.

7. Wara trilogi informali fis-27 ta' April, it-30 ta' Mejju u l-20 ta' Ġunju 2017, il-COREPER ġie informat li kien intlaħaq ftehim proviżorju mal-PE.
8. B'ittra datata l-14 ta' Lulju 2017, il-President tal-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament Ewropew għarraf lill-President tal-COREPER I li, jekk il-Kunsill jibgħat formalment lill-Parlament Ewropew il-pożizzjoni tiegħu kif maqbula fl-20 ta' Ġunju, soġġetta għal rieżami mill-ġuristi-lingwisti, huwa ser jirrakkomanda lill-Plenarja li l-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi aċċettata mingħajr emendi fit-tieni qari tal-Parlament Ewropew.
9. Fid-19 ta' Lulju 2017, il-COREPER ikkonferma t-test ta' kompromess finali bil-ħsieb ta' qbil⁷ u fil-25 ta' Settembru 2017, it-test rċieva l-qbil politiku tal-Kunsill⁸.

II. GĦAN

10. L-għan tal-proposta kien li jiġi aġġornat ir-Regolament eżistenti dwar il-Flotta tas-Sajd Esterna skont ir-riforma tal-2013 tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), b'mod partikolari billi ttejjeb ir-reġim ta' awtorizzazzjoni għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni sabiex jistadu barra mill-ilmijiet tal-Unjoni, u għal bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni. Minbarra li tiċċara u tissimplifika r-regoli eżistenti, u tagħmilhom aktar konsistenti ma' leġislazzjoni prinċipali li ġiet adottata fil-frattemp, il-proposta għandha l-għan li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament eżistenti għal aspetti oħra relatati bħal awtorizzazzjonijiet diretti miksuba minn pajjiżi terzi, l-għoti ta' bandiera ġdida, il-kiri (chartering), u li ttejjeb il-monitoraġġ u t-trasparenza. Għalhekk, huwa mistenni li dan is-sett ta' regoli aġġornati jikkostitwixxi għodda aħjar fil-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

⁷ Ara d-dokument 10550/17 PECHE 263 CODEC 1108.

⁸ Ara d-dokument 11583/17 PECHE 306 CODEC 1298.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

A. Ġenerali

11. Il-pożizzjoni tal-Kunsill fil-parti l-kbira tapprova l-proposta tal-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġornament tal-awtorizzazzjoni tas-sajd, is-simplifikar tal-obbligi tar-rappurtar u ż-żieda fit-trasparenza. Madankollu, il-Kunsill armonizza l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni biex tonqos il-kumplessità tagħhom, jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi relatati u jiġu evitati miżuri sproporzjonati.
12. Barra minn hekk, it-tliet istituzzjonijiet raw il-vantaġġ li jkun hemm proċedura unika ta' awtorizzazzjoni tas-sajd għal bastimenti li jistadu biss fl-ilmijiet tal-UE mingħajr ebda kundizzjonalità għall-awtorizzazzjonijiet għall-bastimenti tal-UE li jistadu barra l-ilmijiet tal-UE marbuta ma' ksur serju preċedenti (l-Artikolu 5 tal-pożizzjoni tal-Kunsill), minħabba li d-dritt tal-Unjoni diġà jitlob sanzjonijiet xierqa f'każ ta' ksur bħal dan. Dan l-approċċ kien meqjus bħala aktar f'konformità mar-Regolament tal-Kontroll.
13. Fir-rigward ta' aktar bidliet għall-proposta tal-Kummissjoni, il-Kunsill ikompli fuq l-emendi proposti mill-Parlament, b'mod partikolari fir-rigward ta' "sorveljanza tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd" (l-emenda 32) u meta jiġu biex jiżguraw li l-attivitajiet ippjanati tas-sajd huma skont evalwazzjoni xjentifika (l-emendi 49 u 57). Barra minn hekk, il-Kunsill jaqbel li jiġu ċċarati u li jillimita d-delegazzjoni ta' setgħat diġà prevista fil-proposta tal-Kummissjoni bbażata fuq l-emenda proposta mill-Parlament (l-emenda 73).

B. Elementi partikolari

14. Ta' tħassib partikolari għat-tliet istituzzjonijiet kienu d-dispożizzjonijiet miżjuda riżultat tar-riforma tal-PKS bħal "l-għoti ta' bandiera ġdida". Dan ir-Regolament għandu jiżgura li bastimenti tas-sajd li ħallew il-flotta tas-sajd tal-Unjoni, li sussegwentement ingħataw bandiera ġdida minn pajjiż terz, u mbaġħad reġġhu lura għall-flotta tas-sajd tal-Unjoni, ma kinux involuti f'sajd IUU jew taħt il-bandiera ta' pajjiż li ma jikkooperax fl-IUU. Il-Kunsill sostna li bastiment ma jkunx eliġibbli għall-awtorizzazzjoni meta jkun kompli jistad fil-flotta tas-sajd tal-pajjiż terz wara li dak il-pajjiż terz ikun ġie elenkat bħala li jippermetti sajd mhux sostenibbli jew bħala pajjiż li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU skont l-Artikolu 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008, iżda mhux biss meta l-pajjiż terz ġie identifikat bħala pajjiż li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU. Madankollu, sabiex jiġi indirizzat it-tħassib tal-Parlament, il-Kunsill qabel li bastiment li m'għandux ikunu eliġibbli wkoll għal awtorizzazzjoni meta jkun kompli jistad fil-flotta tas-sajd tal-pajjiż terz wara sitt ġimgħat mid-deċiżjoni tal-identifikazzjoni ta' dak il-pajjiż terz bħala pajjiż li ma jikkooperax fil-ġlieda kontra s-sajd IUU, minbarra fejn il-Kunsill ikun iddeċieda li ma jelenkax lil dak il-pajjiż terz bħala tali (l-Artikolu 6(2)(d) tal-pożizzjoni tal-Kunsill).
15. Barra minn hekk, matul id-diskussjonijiet mal-Parlament u mal-Kummissjoni, il-Kunsill aċċetta li jinkludu r-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar it-trasbordi taħt awtorizzazzjonijiet diretti u fl-ibħra internazzjonali. Ġie maqbul ukoll li jiġi inkluż rekwiżit għal notifika minn qabel lill-Istat Membru tal-bandiera għal dawn l-operazzjonijiet tat-trasbord (l-Artikolu 26a l-ġdid tal-pożizzjoni tal-Kunsill).
16. Fl-aħħar nett, il-Kunsill qabel dwar l-istabbiliment ta' bażi tad-data tal-Unjoni għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd maħruġa skont dan ir-Regolament (l-Artikolu 39 tal-pożizzjoni tal-Kunsill) li jkunu magħmula minn parti pubblika u minn parti sikura, u b'hekk ikun żgurat bilanċ aħjar bejn it-trasparenza u l-kontroll, u tiġi żgurata l-protezzjoni tad-data personali.

IV. KONKLUŻJONI

17. Bl-istabbiliment tal-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill ħa kont sħiħ tal-proposta tal-Kummissjoni u tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari.